MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 650/1994/2

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Ltd u in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Nazzareno Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Nazzareno Zammit u b'nota datata 22 ta' Ottubru 1999 is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Nazzareno Zammit, assumiet l-atti tal-kawza minflok Hugh P. Zammit *nomine* kollox kif indikat fl-istess nota, u b'nota ohra tat-8 ta' Ottubru 2004 is-socjeta` Silver Star Transport Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok l-attur Nazzareno Zammit.**

**vs**

**Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu u b'nota tal-21 ta' Novembru 2003 id-Direttur tat-Turizmu assuma l-atti tal-kawza minflok is-Segretarju Parlamentari tat-Turizmu, u Raymond Portelli.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Mejju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` fejn gie premess:-

Illi fil-perijodu li l-karozza numru X-2528 proprjeta' ta' l-assikurat Nazzareno Zammit kienet mikrija lill-konvenut Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu, l-istess karozza kienet involuta f'incident awtomobilistiku fil-15 ta' Novembru 1992 gewwa Regional Road, St Andrews meta kienet misjuqa mill-konvenut Raymond Portelli, liema karozza hija assikurata taht polza *comprehensive* ma' l-attur Hugh P.Zammit *nomine*;

Illi d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf tmien mija hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,875.55,0) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi *in vista* ta' l-imsemmija polza l-attur Zammit nomine ghamel tajjeb ghall-ammont ta' Lm1,655.55,0 mill-imsemmija danni kagunati minhabba l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

Illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-incident imsemmi;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex ihallsu, huma baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex:-

1. M'ghandux jigi dikjarat minn din l-Qorti li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

2. M'ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm1,875.55,0 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti *okkorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement ma ghandhomx il-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-atturi *in linea* ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-29 ta' Novembru 1993 u tat-28 ta' Dicembru 1993 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi a fol. 3 u 4. tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar it-30 ta' Gunju 1994 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche' ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 1994.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu datata 2 ta' Awissu 1994 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi c-ctazzjoni ta' l-attur hija inamissibbli *stante* li l-konvenut kien ukoll kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni *"comprehensive"* ta' l-assikurat ta' l-attur. Dan billi sidien ta' karozzi tal-kiri huma tenuti skond l-avviz legali 14 ta' 1982 kif emendat bl-avviz legali 32 ta' 1983 li jikru vetturi taghhom taht polza ta' assikurazzjoni *"comprehensive".*

2. Illi ghalhekk l-azzjoni hija karenti minn fundament guridiku billi l-attur ma jistax idur fuq l-assikurat tieghu, *cioe`* l-eccipjenti, u jirriklama d-danni minghandu.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li fl-15 ta’ Novembru 1992, meta gara l-incident awtomobilistiku, il-vettura X-2528 kienet qed tigi misjuqa minn Raymond Portelli minghajr il-permess jew l-awtorizzazzjoni ta’ l-eccipjent u mhux fuq xoghol ufficjali u ghalhekk l-eccipjenti m’ghandu l-ebda responsabbilta` fl-incident.

Salv u impegudikat eccezzjonijiet ohra f’kaz ta’ bzonn.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` mill-14 ta’ Ottubru 1994 sas-27 ta’ Mejju 1996 fejn wara li gie nominat il-kompjant l-Avukat Dr. Joseph Ciappara bhala perit legali, l-kawza kienet giet differita ghar-rapport.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Portelli datata 14 ta’ Ottubru 1994 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi skond ic-citazzjoni ma hemm l-ebda allegazzjoni ta’ liema hija l-bazi tar-responsabbilta` tal-konvenut, u jekk id-danni humiex volontarji jew le, u ghalhekk tonqos il-kawzali ghac-citazzjoni.

2. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux responsabbli l-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Raymond Portelli u l-lista tax-xhieda a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut Raymond Portelli datata 10 ta’ Novembru 1995 a fol. 22 tal-process

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ Raymond Portelli pprezentata fir-Registru fid-19 ta’ Frar 1996 a fol. 26 tal-process.

Rat l-ordni tal-Qorti u l-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo mill-15 ta’ Jannar 1997 sal-10 ta’ Dicembru 1998 fejn wara li l-Perit Legali ndikat gie sostitwiet b’Dr. Paul Gauci Maestre il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna mill-4 ta’ Gunju 1999 sal-11 ta’ Dicembru 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta` estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Nazzareno Zammit, ipprezentata minn Dr. Audrey Demicoli *seduta stante* tat-22 ta’ Otturbu 1999, li biha assumiet l-atti tal-kawza bhala attur minflok Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance holdings Ltd. kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Nazzareno Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi kollox a fol. 42 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Deqasquale tat-22 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri u l-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiemu mit-28 ta’ Novembru 2002 sat-2 ta’ Dicembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport jew cessjoni.

Rat in-nota tad-Direttur tat-Turizmu datata 21 ta’ Novembru 2003 a fol. 59 tal-process li permezz taghha

ddikjara li l-esponenti assuma l-atti minflok il-konvenut Segretarju Parlamentari tat-Turizmu.

Rat in-nota tas-socjeta Silver Star Transport Limited (C22863) pprezentata *seduta stante* fit-8 ta’ Ottubru 2004 (fol. 63) li permezz taghha assumiet l-atti tal-kawza odjerna bhala attrici minfolk l-imsemmi Nazzareno Zammit.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta mit-12 ta’ Jannar 2006 sat-18 ta’ Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher il-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre li talab zmien biex jirrelata. Il-Qorti ordnatlu biex jirrelata sas-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-25 ta’ Ottubru 2006; u tal-25 ta’ Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Paul Gauci Maistre bhala Perit Legali li halef ir-rapport. Il-kawza giet differita ghal l-ezami tar-rapport ghas-6 ta’ Dicembru 2006.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fir-Registru fit-23 ta’ Ottubru 2006 u mahluf *seduta stante* fil-25 ta’ Ottubru 2006, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta u bid-dokumenti kollha pprezentati, liema rapport jinsab esebit minn fol. 124 sa 147 tal-process fejn ikkonkluda illi:

*“l-konvenut Raymond Portelli wahdu jahti ghall-incident u ghandu jhallas lis-socjeta` attrici assiguratrici d-danni likwidati fl-ammont ta’ elf sitt mija tmienja u erbghin lira, hamsa u hamsin centezmu (Lm1,648.55) u mitt lira (Lm100) bhala excess u mija u ghoxrin lira (Lm120) bhala loss of use lil Nazzareno Zammit. B’kollox il-konvenut Raymond Portelli ghandu jhallas Lm1,875.55 bl-imghax kif mitlub.”*

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Dicembnru 2006 fejn meta issejhet il-kawza dehret Dr. Edwina Grima ghall-konvenut Portelli u Dr. Marvic Sciberras Abilla ghall-konvenut l-iehor. Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom ghar-rapport. L-atturi u d-difensur taghhom Dr. Zammit

Maempel issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita gha-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn karozza Numru X – 2528 proprjeta’ ta’ dak in-nhar l-attur Nazzareno Zammit kienet giet mikrija lill-konvenut is-Segretarju tat-Turizmu, u f’dan il-perjodu ta’ kirja, giet misjuqa mill-konvenut Raymond Portelli li kien involut f’incident awtomobilistiku fil-15 ta’ Novembru 1992 f’Regional Road, St. Andrews li kawza tieghu l-istess karozza soffriet hsarat fl-ammont ta’ Lm1,875.55, li minnhom is-socjeta’ attrici bhala s-socjeta’ assikuratrici tal-karozza ta’ l-attur taht polza *comprehensive* hallset l-ammont ta’ Lm1,655.55, fil-waqt li l-attur hallas ghall-bilanc mill-istess somma u ghalhekk saret din il-kawza kemm kontra l-konvenuti ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` tal-hsara, likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta’ l-istess.

Illi wara li ezaminat il-provi kollha jirrizulta li l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza odjerna sehh minhabba negligenza *da parte* tal-konvenut Raymond Portelli li meta kien qed isuq fl-imsemmija triq tilef il-kontroll ta’ l-istess u habat ma’ *centre strip* u nqaleb, u dan jirrizulta mill-versjoni ta’ l-istess konvenut stess *a tempo vergine* kif jirrizulta mill-okkorenza esebita bhala Dok. “O”. Fil-fatt dan huwa kaz ta’ *res ipsa loquitur* u jidher li l-istess konvenut bl-ebda mod ma pprova xi raguni ghaliex tilef il-kontroll, hlief naturalment li kien negligenti u ma kienx qed isuq bil-prudenza necessarja rikjesta mill-ligi. Certament li f’dan is-sens din il-Qorti taqbel ma’ dak li rrelata l-perit legali f’dan ir-rigward, inkluz li d-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut man-nota ta’ l-eccezzjonijiet ma hijiex kredibbli u fi kwalunkwe kaz dak hemm allegat ma gie bl-ebda mod

ippruvat mill-konvenut. Apparti dan hemm is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 9 ta' Frar 1993 dwar l-istess incident u fejn l-istess konvenut instab hati tal-akkuzi hemm migjba kontra tieghu dwar l-istess incident.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenut ma kienx awtorizzat mill-konvenut l-iehor sabiex isuq l-istess karozza, ghalkemm bhala *receptionist* kellhu c-cwievet ta' l-istess u jidher li meta gara l-incident l-istess konvenut saq il-karozza minghajr ebda permess tas-superjuri tieghu, u dan jinsab ikkonfermat mid-Dok. “HP 2” a fol. 116 tal-process, u Dok. “JM 1” (fol. 117), u kopja ta' estratt ta' l-Estacode li fil-paragrafu 8.2.3.7 jirreferi ghal *liability of government drivers* (Dok. “JM2”) u dawn kollha jkomplu jikkonfermaw li l-istess konvenut abbuza mill-posizzjoni tieghu meta saq karozza li qatt ma kellu permess mis-superjuri tieghu biex isuq, ikompli juri r-responsabbilta' tal-konvenut ghall-agir tieghu, agir li gie spjegat fir-relazzjoni peritali li din il-Qorti qed taddotta fil-konsiderazzjoni u konkluzjonijiet taghha rigwardanti r-responsabbilta' tal-konvenut Raymond Portelli. F'dan ir-rigward jinghad ukoll li fl-ahhar verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006, Dr. Edwina Grima ghall-istess konvenut Portelli rremettiet ruhha ghar-rapport, l-istess kif ghamlet Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-konvenut l-iehor (fol. 151).

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Raymond Portelli fejn allega li la darba fic-citazzjoni attrici ma hemmx indikat jekk id-danni reklamati ma giex indikat jekk gewx ikkawzati volontarjament jew le, u b'hekk hemm nuqqas ta' kawzali fic-citazzjoni attrici, eccezzjoni li giet iktar elaborata b'nota ta' l-istess konvenut datata 10 ta' Novembru 1995, fejn jghid li l-attur assikuratur ma ghandux il-jedd li jdur fuq is-sewwieq bhala surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat u dan la *ex lege* u lanqas b'surroga tal-partijiet.

Illi izda din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa u dan abbazi ta' l-**artikolu 1166 (c) tal-Kap 16** u dan peress li s-socjeta' attrici bhala socjeta' assikuratrici, taht polza *“comprehensive”* kienet obbligata li taghmel tajjeb ghad-

danni sofferti mill-assigurat taghha abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u fejn allura tapplika s-surroga *ipso iure* u dan kif gie deciz u affermat fis-sentenzi fl-ismijiet **"Edgar Galea nomine vs John Tanti"** (P.A. (AJM) 16 ta' Dicembru 1991) u **"Hugh Zammit nomine et vs Joseph Spiteri"** (P.A. (JSP) – 5 t'Ottubru 1993) u hawn il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghal dak li rrelata l-bravu perit legali dwar l-istess f'pagna 15 u 16 tar-relazzjoni tieghu, inkluz il-paragrafi (a) u (b) hemm indikati – u dan apparti li bhala fatt ma hemm l-ebda kontestazzjoni li fil-mument ta' l-incident il-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni favur l-assikurat taghha Nazzareno Zammit. B'hekk anke din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet qed tigi michuda.

Illi dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut l-iehor din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni ghandha tigi u qed tigi michuda u dan peress li jirrizulta li l-atturi ghandhom interess guridiku li jressqu l-azzjoni in kwistjoni u dak indikat fl-eccezzjoni tieghu ma japplikax ghall-kaz in ezami proprju ghaliex l-istess eccipjenti jammetti li fil-hin ta' l-incident il-karozza mertu tal-kawza odjerna kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut l-iehor Portelli minghajr l-awtorizzazzjoni jew permess ta' l-eccipjenti jew ufficjal tieghu u b'hekk anke f'dan ir-rigward il-konkluzjonijiet tal-abbli perit legali huma korretti.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni jinghad li l-konvenut id-Direttur tat-Turizmu, bhala l-organu li kien qed jikri l-karozza in ezami kellu l-obbligu li jiehu hsieb l-istess bhala *bonus pater familias* skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artkolu 1554 tal-Kap 16** u wkoll juza l-haga skond dak li ghalih tkun intiza li tintuza skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 1555 tal-Kap 16.** Apparti dan skond l-**artkolu 1032** ta' l-istess Kap, kulhadd ghandu juza fl-attivitajiet tieghu il-prudenza, hsieb u diligenza ta' hsieb ta' missier ta' familja u jidher mill-provi li f'dan il-kaz l-eccipjenti ghamel dan; hemm ukoll r-responsabbilta' ta' min iqabbad persuna sabiex taghmel xi xoghol, meta tali persuna ma tkunx ta' hila, dik li hija msejjha bhala *culpa in eligendo* skond id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 1037 tal-Kap 16,** izda dan certament ma giex ippruvat mill-atturi, u dan peress li fuq

ix-xoghol tieghu kien jidher li l-istess konvenut kien kompetenti u ma kien hemm xejn x'jindika li l-istess persuna kienet inkompetenti f'xogholha. Fil-fatt sakemm gara l-incident mertu tal-kawza odjerna ma kien hemm l-ebda ilment fuq il-konvenut Portelli bhala *receptionist* u ghalhekk anke f'dan ir-rigward din il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-perit legali u tilqa' din l-eccezzjoni tal-konvenut illum id-Direttur tat-Turizmu.

Illi dwar likwidazzjoni ta' danni jirrizulta li s-socjeta' attrici halset l-ammont ta' Lm1,648.25 bhala hsara, Lm4 bhala dritt tas-*surveyor*, u Lm3 ghar-rapport tal-Pulizija, kollox ammontanti ghall-Lm1655.55 fil-waqt li l-attur assigurat hallas l-ammont ta' Lm100 bhala *excess* u hallas l-ammont ta' Lm120 bhala *loss of use,* u dawn jammontaw ghas-somma ta' Lm1,875.25, li ma gewx ikkontestati u li huma d-danni li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi kif hawn indikat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni tal-konvenut id-Direttur tat-Turizmu, izda tilqa' t-tielet eccezzjoni tieghu u ghalhekk tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Portelli, **tilqa' t-talbiet attrici biss kif hawn deciz fil-konfront ta' l-istess konvenut Raymond Portelli,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut Raymond Portelli huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,875.25,0) fuq imsemmija;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat ta' elf, tmien mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu

(Lm1,875.25) *in linea* ta' danni kollox kif hawn indikat f'din id-decizjoni.

Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenut Raymond Portelli sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-29 ta' Novembru 1993 u tat-28 ta' Dicembru 1993, u tal-konvenut id-Direttur tat-Turizmu kontra l-konvenut Raymond Portelli.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------